**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/633/PESK, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 943/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja**

(2012/C 312/07)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/633/PESK [1], u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 943/2012 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja.

Fil-11 ta' Lulju 2012, il-25 ta' Lulju 2012 u t-23 ta' Awwissu 2012, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 751 (1992), aġġorna l-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja imposti mir-Riżoluzzjoni 751 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Somalja u riżoluzzjonijiet sussegwenti li jespandu aktar il-miżura restrittiva fid-dawl tas-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż.

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kumitat tan-NU, stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 751 (1992), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjonijiet biex jiġu inklużi fil-lista tan-NU jiġu kkunsidrati mill-ġdid. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni ara: http://www.un.org/sc/committees/751/comguide.shtml

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuni nominati min-NU għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' persuni u entitajiet li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/231/PESK u r-Regolament (UE) Nru 356/2010. Ir-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni kkonċernati jidhru fl-entrati rilevanti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti elettroniċi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 356/2010, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 5 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-listi msemmijin hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
DG C — Coordination Unit
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qiegħda tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2), u fl-Artikolu 263(4) u (6), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[1] GU L 282, 16.10.2012, p. 47.
[2] GU L 282, 16.10.2012, p. 6.